MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 115/2008/1

**Miriam Catania**

**vs**

**Gaetano Catania**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat illi l-vetturi li dwarhom qed jintalab dan il-mandat ta` inibizzjoni jifformaw parti mill-komunjoni ta` l-

akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, li ghaddejjin minn proceduri ghas-separazzjoni personali u qsim tal-komunjoni ta` l-akkwisti.

Dan il-fatt jimporta ghalhekk l-ezistenza ta` l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta` l-mandat mitlub.

Ma ngiebet ebda prova lil din il-Qorti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti qed jigu kawtelati b`xi mezz iehor.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba definittivament.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------